



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

13 ta' Settembru 2023\*

“Għajjnuna mill-Istat – Settur postali u trasport tal-merkanzija bit-triq – Ilment ta' kompetitur – Kontribuzzjoni ta' kapital mogħtija minn impriża pubblika lis-sussidjarja tagħha – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari – Kumpannija omm tal-grupp ikkontrollata b'mod konġunt minn żewġ Stati Membri – Approvazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kapital mill-kumpannija omm tal-grupp – Imputabbiltà lill-Istat”

Fil-Kawża T-525/20,

**ITD, Brancheorganisation for den danske vejgodstransport**, stabbilita f'Padborg (id-Danimarka),

**Danske Fragtmænd A/S**, stabbilita f'Åbyhøj (id-Danimarka),

irrappreżentati minn L. Sandberg-Mørch, avukat,

rikorrenti,

sostnuti minn

**Jørgen Jensen Distribution A/S**, stabbilita f'Ikast (id-Danimarka), irrappreżentata minn L. Sandberg-Mørch, avukata,

u minn

**Specialforeningen for Logistik og Distribution (SLD)**, stabbilita f'Kopenhagen (id-Danimarka), irrappreżentata minn L. Sandberg-Mørch, avukata,

intervenjenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn L. Flynn, bħala aġent,

konvenuta,

sostnuta minn

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

**Ir-Renju tad-Danimarka**, irrappreżentat minn M. Søndahl Wolff, bħala aġent, assistita minn R. Holdgaard, avukat,

minn

**Ir-Renju tal-Isvezja**, irrappreżentat minn C. Meyer-Seitz, H. Eklinder, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, H. Shev, R. Shahsavan Eriksson u O. Simonsson, bħala aġenti,

u minn

**PostNord Logistics A/S**, stabbilita f'Køge (id-Danimarka),

u

**PostNord Group AB**, stabbilita f'Solna (l-Isvezja),

irrappreżentati minn O. Koktvedgaard, avukat,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża),

komposta minn R. da Silva Passos (Relatur), President, S. Gervasoni, N. Póltorak, I. Reine u T. Pynnä, Imħallfin,

Reġistratur: A. Marghelis, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-2 ta' Frar 2023,

tagħti l-preżenti

### Sentenza<sup>1</sup>

- 1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, ITD, Brancheorganisation for den danske vejgodstransport (iktar 'il quddiem "ITD") u Danske Fragtmænd A/S, jitolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 3006 final tat-12 ta' Mejju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.52489 (2018/FC) – Id-Danimarka u SA.52658 – L-Isvezja – Allegata għajnuna mill-Istat favur PostNord Logistics (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

<sup>1</sup> Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra utli għall-pubblikazzjoni.

## Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 2 ITD hija assoċjazzjoni kummerċjali ta' kumpanniji rregolati mid-dritt Daniż, attivi fil-livell nazzjonali u internazzjonali fis-swieq tas-servizzi ta' trasport bit-triq ta' merkanzija u tas-servizzi logiġiċi. Danske Fragtmænd hija kumpannija rregolata mid-dritt Daniż attiva, b'mod partikolari, fis-suq Daniż tas-servizzi ta' trasport bit-triq ta' merkanzija u ta' tqassim ta' pakketti.
- 3 PostNord AB hija kumpannija rregolata mid-dritt Svediż li 40 % tal-kapital azzjonarju tagħha huwa proprjetà tar-Renju tad-Danimarka, filwaqt li 60 % tiegħu huwa proprjetà tar-Renju tal-Isvezja. Hija ġiet ikkostitwita fl-2009, bl-isem ta' Posten Norden AB, wara amalgamazzjoni bejn, minn naħa, Post Danmark A/S, operatur postali storiku tar-Renju tad-Danimarka, u, min-naħa l-oħra, Posten AB, operatur postali storiku tar-Renju tal-Isvezja.
- 4 PostNord għandha 100 % tal-ishma tal-kumpannija PostNord Group AB, li hija stess għandha 100 % tal-ishma tal-kumpanniji Post Danmark u Posten, responsabbli sabiex jipprovdu s-servizz postali universali fid-Danimarka u fl-Isvezja rispettivament. PostNord Group għandha wkoll 100 % tal-ishma tal-kumpannija PostNord Logistics A/S, kumpannija rregolata mid-dritt Daniż stabbilita f'Kopenhagen (id-Danimarka) u li hija fdata b'servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq fid-Danimarka.
- 5 Fit-22 ta' Novembru 2018, ITD ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea li skontu PostNord Logistics ħabbret, fir-rapporti annwali tagħha għas-snin 2017 u 2018, li hija kienet ser tibbenefika minn żidiet fil-kapital min-naħa ta' PostNord. Skont ITD, dawn iż-żidiet fil-kapital kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat li hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.
- 6 Billi kienet ilha tagħmel telf sa mill-2015, PostNord Logistics kienet eżawriet il-fondi tagħha fi tmiem is-sena finanzjarja 2017. Kien f'dan il-kuntest li, fit-30 ta' Novembru 2018, waqt laqgħa ġenerali straordinarja, PostNord Logistics irrakkomandat lid-diretturi ta' PostNord Group iżidu l-kapital b'ammont ta' 115-il miljun krona Daniża (DKK) (madwar EUR 15.4 miljuni) fir-rigward tagħha (iktar 'il quddiem iż-“żieda fil-kapital”).
- 7 Fid-dawl tal-ammont taż-żieda fil-kapital, PostNord Group, fis-7 ta' Diċembru 2018, talbet mingħand il-bord tad-diretturi tal-kumpannija omm tagħha, PostNord, l-approvazzjoni ta' din il-miżura u tal-prinċipju li l-ħlas tagħha jsir f'diversi porzjonijiet.
- 8 Fil-11 ta' Diċembru 2018, il-bord tad-diretturi ta' PostNord approva ż-żieda fil-kapital.
- 9 Fl-20 ta' Diċembru 2018, PostNord Logistics irċeviet l-ewwel porzjoni taż-żieda fil-kapital, li tammonta għal DKK 70 miljun (madwar EUR 9.37 miljuni).
- 10 Fis-7 ta' Ġunju 2019, ITD ippreżentat lill-Kummissjoni xi osservazzjonijiet sabiex iżżid mal-ilment tagħha, li fihom hija sostniet, b'mod partikolari, li PostNord Logistics kienet ser tibbenefika minn sussidju trażversali (cross subsidisation) tal-attivitajiet tagħha minn Post Danmark, li jippermettilha tuża, mingħajr ħlas, diversi mill-infrastrutturi tagħha ffinanzjati mill-kumpens pubbliku li hija tirċievi sabiex tipprovdi s-servizz postali universali fid-Danimarka (iktar 'il quddiem is-“sussidju trażversali”).

- 11 Fit-30 ta' Marzu 2020, ITD ippreżentat lill-Kummissjoni osservazzjonijiet ġodda dwar is-sussidju trażversali, kif ukoll ittra ta' intimazzjoni li tgħid li, jekk il-Kummissjoni ma tiħux pożizzjoni definittiva fuq l-ilment tagħha fi żmien xahrejn, hija kienet ser tippreżenta rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 265 TFUE.
- 12 Fit-12 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni kkontestata. L-ewwel, hija qieset li d-dikjarazzjonijiet fir-rapporti annwali ta' PostNord Logistics għas-snin 2017 u 2018 ma kinux jinvolvu l-għoti ta' vantaġġ u, għalhekk, ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat. It-tieni, hija kkonkludiet li ż-żieda fil-kapital ma kinitx imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż u, għalhekk, lanqas ma kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. It-tielet, hija qieset li s-sussidju trażversali ma kienx ġie stabbilit u li, għalhekk, it-tranżazzjonijiet bejn Post Danmark u PostNord Logistics ma kinux jinvolvu għajjnuna mill-Istat.

### **It-talbiet tal-partijiet**

- 13 Ir-rikorrenti, sostnuti minn Jørgen Jensen Distribution A/S u Specialforeningen for Logistik og Distribution (SLD), jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
  - tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 14 Il-Kummissjoni, sostnuta minn PostNord Group u PostNord Logistics, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
  - tiċħad ir-rikors;
  - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.
- 15 Ir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja, li intervjenew ukoll insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni, jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

### **Id-dritt**

#### ***Fuq is-suġġett tar-rikors***

- 16 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar jekk jikkostitwixxux għajjnuna tliet miżuri distinti (ara l-punt 12 iktar 'il fuq).
- 17 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jqajmu motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, minkejja d-diffikultajiet serji li qajmet l-evalwazzjoni ta' dawn il-miżuri, jiġifieri, minn naħa, iż-żieda fil-kapital u, min-naħa l-oħra, is-sussidju trażversali. Għall-kuntarju, permezz ta' dan ir-rikors, huma ma jkkontestawx l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet fir-rapporti annwali ta' PostNord Logistics għas-snin 2017 u 2018.

- 18 Għalhekk, minkejja li r-rikorrenti jitolbu formalment l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha, dan ir-rikors għandu jittqies li huwa intiż għall-annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni, minħabba li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 108(2) TFUE meta kkonkludiet li ż-żieda fil-kapital ma kinitx għajjnuna mill-Istat u li l-eżistenza tas-sussidju trażversali ma kinitx ġiet stabbilita.

### ***Kunsiderazzjonijiet preliminari***

- 19 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9), kull parti interessata għandha d-dritt tressaq ilment sabiex tinforma lill-Kummissjoni dwar kull għajjnuna allegatament illegali. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) tal-istess regolament, il-preżentata ta' tali lment għandha l-effett li tniedi l-ftuħ tal-fażi ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE, li tinvolvi t-teħid ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(2), (3) jew (4) tar-Regolament 2015/1589.
- 20 Il-fażi ta' eżami preliminari prevista mill-Artikolu 108(3) TFUE u rregolata mill-Artikolu 4 tar-Regolament 2015/1589 għandha l-għan li tippermetti lill-Kummissjoni tagħmel opinjoni *prima facie* dwar il-miżuri li huma suġġetti għall-eżami tagħha. Fi tmiem din il-fażi, il-Kummissjoni tikkonstata jew li l-miżura ma tikkostitwixxix għajjnuna, f'liema każ tieħu deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna, skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament 2015/1589, jew inkella li l-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. Jekk il-Kummissjoni tikkonstata, wara l-eżami preliminari, li l-miżura inkwistjoni, sa fejn taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, ma tqajjimx dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, hija tieħu deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament 2015/1589.
- 21 L-eżistenza ta' dubji ta' natura li jiġġustifikaw il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE hija riflessa fl-eżistenza oġġettiva ta' diffikultajiet serji li l-Kummissjoni ltaqgħet magħhom waqt l-eżami dwar jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixxix għajjnuna jew jekk hijiex kompatibbili mas-suq intern. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' diffikultajiet serji għandu natura oġġettiva (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Club Hotel Loutraki *et vs* Il-Kummissjoni, C-131/15 P, EU:C:2016:989, punt 31). L-eżistenza ta' tali diffikultajiet għandha tiġi investigata, b'mod oġġettiv, kemm fid-dawl taċ-ċirkustanzi li fihom ikun ġie adottat l-att ikkontestat, kif ukoll fid-dawl tal-kontenut tiegħu, billi jsir paragon bejn ir-raġunijiet tad-deċiżjoni u l-informazzjoni li l-Kummissjoni kellha u seta' jkollha meta ddeċidiet dwar l-għajjnuna kontenzjuża, filwaqt li jittfakkar, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni li l-Kummissjoni seta' kellha hija dik li dehret rilevanti għall-evalwazzjoni li kellha ssir u li l-Kummissjoni setgħet, fuq talba tagħha stess, tikseb il-produzzjoni tagħha matul il-fażi ta' eżami preliminari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2021, ITD u Danske Fragtmænd vs Il-Kummissjoni, T-561/18, EU:T:2021:240, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 22 Barra minn hekk, in-natura insuffiċjenti jew inkompleta tal-eżami mwettaq mill-Kummissjoni waqt il-proċedura ta' eżami preliminari hija indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji fl-evalwazzjoni tal-miżura inkwistjoni, li l-preżenza tagħhom tobbligaha tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali (ara s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 23 Il-prova tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji għandha tinġieb mill-persuna li titlob l-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem l-eżami preliminari, abbażi ta' sensiela ta' indizji konsistenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2022, Irish Wind Farmers' Association *et vs* Il-Kummissjoni, C-578/21 P, mhux ippubblikata, EU:C:2022:898, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 24 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premissi li għandu jiġi eżaminat l-argument tar-rikorrenti li jfittex li jstabbilixxi l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li kellhom iwasslu lill-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

### ***Fuq iż-żieda fil-kapital***

- 25 Ir-rikorrenti, sostnuti fuq dan l-aspett minn Jørgen Jensen Distribution, isostnu li l-eżistenza ta' diffikultajiet serji hija stabbilita mill-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, li ż-żieda fil-kapital ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat sa fejn din ma hijjex imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż.
- 26 Fl-ewwel lok, id-deċiżjoni kkontestata hija kontradittorja fir-rigward tal-entità li tipprovdi ż-żieda fil-kapital. Filwaqt li ċerti siltiet mid-deċiżjoni kkontestata jimputaw tali miżura lill-kumpannija omm tal-grupp, jiġifieri PostNord, liema fatt jirrifletti r-realtà tal-fatti, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fil-kapital kienet ġiet deċiża minn PostNord Group, sussidjarja ta' din il-kumpannija.
- 27 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti u Jørgen Jensen Distribution isostnu li l-eżistenza ta' diffikultajiet serji hija stabbilita minn diversi indizji li lkoll jstabbilixxu li huwa improbabbli li l-Istat Daniż u dak Svediż ma kinux involuti fl-adozzjoni taż-żieda fil-kapital, li għalhekk hija imputabbli lilhom.
- 28 L-ewwel, ir-rikorrenti jsejsu l-argument tagħhom fuq il-ħatra, mill-Istat Daniż u dak Svediż, tal-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' PostNord, li tnejn minnhom huma uffiċjali għolja f'dawn l-Istati. It-tieni, mir-rapport annwali ta' PostNord għas-sena 2017 (iktar 'il quddiem ir-"rapport annwali 2017") jirriżulta li l-Istat Daniż u dak Svediż żammew, mal-bord tad-diretturi ta' PostNord, "djalogu" dwar iż-żieda fil-kapital. It-tielet, PostNord għandha interess politiku, sa fejn is-sussidjarji tagħha Post Danmark u Posten huma fdati bis-servizz postali universali fid-Danimarka u fl-Isvezja, pajjiżi li tagħhom huma l-operaturi postali storiċi. Ir-raba', ir-rikorrenti, fl-osservazzjonijiet tagħhom fuq in-nota ta' intervent tar-Renju tal-Isvezja u fuq dik ta' PostNord Group u PostNord Logistics, isostnu li mhux biss l-ammont taż-żieda fil-kapital kien, fih innifsu, sinjifikattiv, iżda wkoll li din il-miżura kienet tagħmel parti minn sensiela ta' żidiet oħra fil-kapital intiżi sabiex jitħassar it-telf ta' PostNord Logistics u sabiex ma jħalluhiex tfalli.
- 29 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju tad-Danimarka, mir-Renju tal-Isvezja, kif ukoll minn PostNord Group u PostNord Logistics, tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.
- 30 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni tenfasizza li, fid-deċiżjoni kkontestata, hija dejjem qieset li ż-żieda fil-kapital kienet ġiet deċiża minn PostNord Group. PostNord intalbet biss tapprova din il-miżura, fid-dawl tal-ammont tagħha.
- 31 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkontesta li r-rikorrenti pproduċew indizji li jstgħu jstabbilixxu l-imputabbiltà taż-żieda fil-kapital lill-Istat Daniż u dak Svediż.

- 32 L-ewwel, il-Kummissjoni tenfasizza li l-kundizzjoni dwar l-imputabbiltà ta' miżura lil Stat teħtieġ involviment attiv ta' dan tal-aħħar, liema involviment jiġi dedott minn evalwazzjoni *in concreto* ta' sensiela ta' indizji, preċiżi u konsistenti. Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom essenzjalment fuq elementi ta' natura organika, li ma humiex suffiċjenti.
- 33 It-tieni, fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi ta' PostNord, il-Kummissjoni ssostni, qabelxejn, li la l-Istat Daniż u lanqas l-Istat Svediż ma jaħtru waħedhom il-maġġoranza tal-membri ta' dan il-korp. Barra minn hekk, ebda wieħed mill-membri tal-bord tad-diretturi ta' PostNord maħtura mill-Istat Daniż u dak Svediż ma għandu dritt tal-veto. Ir-Renju tad-Danimarka jżid jgħid li ma humiex l-Istat Daniż u dak Svediż li għandhom jaħtru l-membri tal-bord eżekuttiv ta' PostNord jew ta' PostNord Group u li l-interessi ta' dawn l-Istati ma humiex neċessarjament l-istess. PostNord Group u PostNord Logistics iżidu jgħidu wkoll li koordinazzjoni bejn l-Istat Daniż u dak Svediż kienet improbabbli, kemm fid-dawl tal-ammont żgħir taż-żieda fil-kapital, kif ukoll fid-dawl tal-importanza politika insinjifikattiva ta' PostNord Logistics.
- 34 Sussegwentement, ir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja josservaw li l-prinċipji rispettivi tagħhom li japplikaw għall-governanza tal-impriżi pubbliċi jimplikaw li l-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija għandhom jintgħażlu skont il-kompetenzi tagħhom sabiex tkun żgurata l-ġestjoni tajba tagħha, b'indipendenza totali mill-proprjetarji. Għalkemm huwa possibbli li l-azzjonisti ta' kumpannija jagħtu istruzzjonijiet lill-bord tad-diretturi tagħha waqt il-laqgħa ġenerali, dan ma kienx il-każ hawnhekk.
- 35 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-preżenza fil-bord tad-diretturi ta' PostNord ta' uffiċjal tar-Renju tad-Danimarka u ta' uffiċjal tar-Renju tal-Isvezja, il-Kummissjoni ssostni li r-rikorrenti ma jgħibu ebda prova li tista' tistabbilixxi li dawn l-uffiċjali, li huma mistennija jaġixxu b'mod indipendenti, irċewew istruzzjonijiet mill-Istati li jaqgħu taħthom jew li huma jistgħu jinfluwenzaw il-proċess deċiżjonali ta' PostNord.
- 36 It-tielet, fir-rigward tal-eżistenza ta' "djalogu dwar il-finanzjament" bejn il-bord tad-diretturi ta' PostNord u l-proprjetarji ta' din tal-aħħar, imsemmija fir-rapport annwali tal-2017, ir-Renju tad-Danimarka, kif ukoll PostNord Group u PostNord Logistics, jikkontestaw li dan il-fatt jimplika l-ġoti ta' istruzzjonijiet min-naħa tal-Istat Daniż u dak Svediż dwar iż-żieda fil-kapital, peress li tali djalogu kien jikkonċerna biss ir-ristrutturazzjoni ta' Post Danmark u mhux iż-żieda fil-kapital.
- 37 Ir-raba', il-Kummissjoni tikkontesta r-rilevanza tal-fatt, enfasizzat mir-rikorrenti, li żewġ sussidjarji ta' PostNord huma obbligati jipprovdu servizz postali universali, peress li dan ma huwiex il-każ ta' PostNord Logistics, benefiċjarja taż-żieda fil-kapital, li s-servizzi tagħha huma indirizzati biss lil kummerċjanti. Bl-istess mod, PostNord Group u PostNord Logistics jenfasizzaw li ż-żieda fil-kapital kienet miżura razzjonali mil-lat ekonomiku, peress li s-suq tal-loġistika qiegħed kulma jmur jikber.
- 38 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex invizzjata b'kontradizzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-entità li tipprovdi ż-żieda fil-kapital.
- 39 Huwa minnu li, fil-paragrafu 26 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li, fil-11 ta' Diċembru 2018, PostNord kienet "iddeċidiet li żżid il-kapital".

- 40 Madankollu, minn naħa, fis-sentenza segwenti, hija fissret minnufih li “[l]-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi ta’ PostNord AB kienet meħtieġa”, fid-dawl tal-ammont taż-żieda fil-kapital, billi rreferiet għall-paragrafu 20 tad-deċiżjoni kkontestata, li fl-aħħar sentenza tiegħu hija indikat li “d-deċiżjonijiet dwar l-kontribuzzjonijiet interni ta’ kapital fil-grupp ta’ ammont oġhla minn [...] jeħtieġu l-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi ta’ PostNord AB”. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-imputabbiltà lill-Istat taż-żieda fil-kapital, irreferiet, fil-paragrafu 76 tad-deċiżjoni kkontestata, għad-“deċiżjoni ta’ [PostNord Group] li tinjetta kapital f’[PostNord Logistics]” qabel ma rrilevat, fil-paragrafu sussegwenti, li PostNord kienet involuta fil-proċess deċiżjonali minħabba l-ammont taż-żieda fil-kapital, konformement mar-regoli interni tal-grupp.
- 41 Barra minn hekk, mir-rapport annwali tagħha għas-sena 2018 jirriżulta li PostNord Logistics irripresintat il-kapital tagħha permezz ta’ kontribuzzjoni mill-kumpannija omm tagħha, jiġifieri PostNord Group.
- 42 Għalhekk, minn qari tal-intier tad-deċiżjoni kkontestata flimkien ma’ elementi tal-proċess wieħed jista’ jifhem li l-Kummissjoni qieset, għustament, li ż-żieda fil-kapital kienet twettqet minn PostNord Group favur PostNord Logistics u li, fid-dawl tal-ammont tagħha, kienet meħtieġa l-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi ta’ PostNord, konformement mar-regoli interni tal-grupp PostNord.
- 43 Barra minn hekk, il-Kummissjoni, filwaqt li qieset li ż-żieda fil-kapital kienet deċiżjoni ta’ PostNord Group, ma injoratx, madankollu, ir-rwol tal-kumpannija PostNord, sa fejn, fil-paragrafi 69 *et seq.* tad-deċiżjoni kkontestata, hija ħadet inkunsiderazzjoni r-rabta bejn din il-kumpannija u l-Istat Daniż u dak Svediż sabiex tiddetermina jekk iż-żieda fil-kapital kinitx imputabbli lil dawn l-Istati.
- 44 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni ta’ tali imputabbiltà tiżvelax l-eżistenza ta’ diffikultajiet serji, għandu jitfakkar li, sabiex vantaġġ ikun jista’ jiġi kklassifikat bħala “għajjnuna”, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, dan għandu, b’mod partikolari, ikun imputabbli lill-Istat (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta’ Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).*
- 45 L-imputabbiltà ta’ miżura lill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, ma tistax tiġi dedotta mis-sempliċi fatt li l-imsemmija miżura tkun ittieħdet minn impriża pubblika. Fil-fatt, anki jekk l-Istat huwa f’pożizzjoni li jikkontrolla impriża pubblika u li jeżerċita influwenza dominanti fuq l-operat tagħha, l-eżerċizzju effettiv ta’ dan il-kontroll f’każ konkret ma jistax jiġi awtomatikament preżunt. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk l-awtoritajiet pubbliċi jistgħux jitqiesu li ġew involuti b’xi mod jew ieħor fit-teħid tal-miżura inkwistjoni (ara s-sentenza tat-2 ta’ Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).*
- 46 Għalhekk, l-imputabbiltà lill-Istat ta’ miżura ta’ għajjnuna meħuda minn impriża pubblika tista’ tiġi dedotta minn numru ta’ indizji li jirriżultaw miċ-ċirkustanzi tal-każ u mill-kuntest li fih tkun seħħet din il-miżura. F’dan ir-rigward, ma jistax ikun meħtieġ jintwera, abbażi ta’ istruzzjoni preċiża, li l-awtoritajiet pubbliċi ħeġġew b’mod konkret lill-impriża pubblika tiegħu l-miżuri ta’ għajjnuna inkwistjoni (ara s-sentenza tat-2 ta’ Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).*



- 47 B'mod partikolari, huma rilevanti l-indizji kollha li juru, fil-każ konkret, l-involvement tal-awtoritajiet pubbliċi jew l-improbabbiltà ta' nuqqas ta' involviment fit-teħid ta' miżura, fid-dawl ukoll tal-portata tagħha, tal-kontenut tagħha jew tal-kundizzjonijiet li din tinvolvi, jew inkella l-assenza tal-involvement tal-imsemmija awtoritajiet fit-teħid tal-imsemmija miżura (ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, *Il-Kummissjoni vs L-Italja et*, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 48 Barra minn hekk, fost l-indizji li jsostnu l-konklużjoni li teżisti tali imputabbiltà, hemm il-fatt li l-impriża pubblika inkwistjoni ma tkunx setgħet tieħu d-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi jew id-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi, l-integrazzjoni tal-impriża pubblika fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitajiet tagħha u l-eżerċizzju tagħhom fis-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati, l-istatus ġuridiku tal-impriża, jew anki l-intensità tas-sorveljanza eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi (ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, *Il-Kummissjoni vs L-Italja et*, C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 F'dan il-każ, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni enfasizzat, fl-ewwel lok, li l-kwalità ta' impriża pubblika ta' PostNord ma kinitx suffiċjenti sabiex jitqies li l-miżuri li hija ħadet kienu imputabbli lill-azzjonisti tagħha, lill-Istat Daniż u dak Svediż. Sussegwentement, hija eżaminat diversi fatturi, li abbażi tagħhom hija kkonkludiet li ż-żieda fil-kapital ma kinitx imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż u, għalhekk, ma kinitx tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. Din il-konklużjoni hija bbażata, essenzjalment, fuq it-tnax-il element li ġejjin:
- iż-żieda fil-kapital ġiet deċiża wara talba mill-benefiċjarju tagħha, PostNord Logistics, u ġiet implimentata minn PostNord Group u mhux minn PostNord (paragrafi 76 u 78 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - l-approvazzjoni taż-żieda fil-kapital minn PostNord kienet meħtieġa fid-dawl tal-ammont tagħha, iżda ma jidhirx li l-Istat Daniżi jew dak Svediż, jew l-uffiċjali li huma ħatru fil-bord tad-diretturi ta' PostNord, esprimew xi opinjoni partikolari favur din il-miżura (paragrafu 77 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - il-ħatra ta' membri tal-bord tad-diretturi ta' PostNord mill-Istat Daniż u dak Svediż ma hijiex fiha nnifisha suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li ż-żieda fil-kapital hija imputabbli lil dawn l-Istati, peress li ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawn l-uffiċjali ma jaġixxux b'mod indipendenti, li ma għandhomx setgħa ta' vot speċifika jew dritt tal-veto u peress li, barra minn hekk, il-membri l-oħra tal-bord tad-diretturi ta' PostNord ma jaħdmux għall-Istati azzjonisti u għalhekk huma indipendenti (paragrafi 79 u 80 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - il-membri tal-bord tad-diretturi ta' PostNord ma kinux obbligati jsegwu istruzzjonijiet speċifiċi mill-Istati azzjonisti u ma kienux possibbli li jitqies li tali struzzjonijiet ingħataw fir-rigward taż-żieda fil-kapital (paragrafi 86 u 88 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - il-maġġoranza sempliċi tal-bord tad-diretturi ta' PostNord kienet meħtieġa sabiex tiġi approvata ż-żieda fil-kapital, b'mod li kien impossibbli għall-Istat Daniż jew għall-Istat Svediż li jimponi r-rieda tiegħu fi ħdan il-bord tad-diretturi (paragrafu 95 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - PostNord u s-sussidjarji tagħha ma humiex integrati fl-amministrazzjoni pubblika Daniża jew Svediża (paragrafu 89 tad-deċiżjoni kkontestata);

- l-attivitajiet ta' PostNord u tas-sussidjarji tagħha huma purament kummerċjali, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mal-obbligu ta' servizz postali universali mwettqa minn Post Danmark, li madankollu ma humiex marbuta ma' dawk ta' PostNord Logistics (paragrafi 90 u 91 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - PostNord Group hija kumpannija rregolata mid-dritt privat (paragrafu 92 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - PostNord Group, li hija ssorveljata minn PostNord u mhux mill-Istat Daniż u dak Svediż, hija indipendenti minn dawk l-Istati (paragrafi 93 u 94 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - PostNord Logistics hija kumpannija relattivament żgħira li ma hijiex importanti politikament, soċjalment jew ekonomikament, b'mod li l-falliment tagħha ma kienx ikollu impatt sinjifikattiv li jiġġustifika intervent mill-Istat sabiex jiġi evitat (paragrafi 97 u 99 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - l-ammont taż-żieda fil-kapital huwa, ċertament, sinjifikattiv għal PostNord Logistics, iżda mhux għal PostNord Group fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ tagħha (paragrafu 98 tad-deċiżjoni kkontestata);
  - iż-żieda fil-kapital hija ekonomikament razzjonali, peress li s-suq tal-loġistika qiegħed dejjem jikber (paragrafu 100 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 50 Billi ppreżentaw diversi indizji li juru, fil-fehma tagħhom, li l-assenza ta' involviment tal-Istat Daniż u dak Svediż fiż-żieda tal-kapital kienet improbabbli, ir-rikorrenti jsostnu li l-analiżi tal-Kummissjoni turi li hija kienet affaċċjat diffikultajiet serji li hija ma rnexxilhiex tegħleb.

*Dwar ir-rabtiet organiċi bejn PostNord u l-Istat Daniż u dak Svediż*

- 51 Ir-rikorrenti jinsistu fuq il-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi ta' PostNord, li l-maġġoranza tal-membri tiegħu huma maħtura mill-Istat Daniż u dak Svediż u, barra minn hekk, li kull Stat għażel li jaħtar wieħed mill-uffiċjali tiegħu.
- 52 Huwa minnu li l-ħatra tal-membri tal-bord tad-diretturi tikkostitwixxi prerogattiva tal-proprietarji ta' kumpannija u, bħala prinċipju, ma tippermettix, waħedha, li tiġi preżunta l-imputabbiltà ta' miżura, meħuda minn impriża pubblika, lill-Istat li jikkontrollaha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13, EU:T:2015:435, punti 42 u 61).
- 53 Madankollu, fl-evalwazzjoni tal-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura meħuda mill-bord tad-diretturi ta' impriża pubblika, il-ħatra tal-membri ta' dan il-korp għandha tittieħed debitament inkunsiderazzjoni, sa fejn din tixhed l-eżistenza ta' rabtiet partikolari bejn l-impriża pubblika inkwistjoni u l-Istat li jikkontrollaha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, T-507/12, mhux ippublikata, EU:T:2016:35, punti 102 sa 107). Dawn ir-rabtiet partikolari jistgħu jikkostitwixxu indizju tal-improbabbiltà ta' assenza ta' involviment tal-Istat fl-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata fil-punt 47 iktar 'il fuq.
- 54 B'mod partikolari, f'ċerti każijiet, iċ-ċirkustanzi madwar il-ħatra tal-membri tal-korpi ta' tmexxija ta' impriża pubblika jistgħu jstabbilixxu li din l-impriża għandha marġni ta' indipendenza limitata fir-rigward tal-Istat li jikkontrollaha, b'mod li tali ħatra tikkostitwixxi indizju sinjifikattiv

- tal-imputabbiltà lill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13, EU:T:2015:435, punt 63), jew saħansitra tista' tistabbilixxi tali imputabbiltà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2014, Commerz Nederland, C-242/13, EU:C:2014:2224, punt 35).
- 55 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, l-ewwel, kif jirriżulta mill-paragrafu 20 tad-deċiżjoni kkontestata, il-bord tad-diretturi ta' PostNord huwa kompost minn ħdax-il membru, li erbgħa minnhom huma maħtura mir-Renju tad-Danimarka, erbgħa mir-Renju tal-Isvezja u tlieta mill-impjegati ta' Post Danmark u ta' Posten, sussidjarji ta' PostNord.
- 56 B'mod iktar partikolari, mid-diversi rapporti annwali ta' PostNord, prodotti mir-rikorrenti bħala annessi mar-rikors, jirriżulta li t-tmien membri maħtura mill-Istat Daniż u dak Svediż jinħatru waqt il-laqgħa ġenerali annwali, li fi ħdanha r-Renju tad-Danimarka huwa rrappreżentat mill-Ministru tiegħu għat-Trasport, filwaqt li r-Renju tal-Isvezja huwa rrappreżentat mill-Ministru tiegħu għall-Intrapriża u għall-Innovazzjoni.
- 57 Barra minn hekk, huwa paċifiku bejn il-partijiet li, fil-mument taż-żieda fil-kapital, wieħed mill-erba' membri tal-bord tad-diretturi ta' PostNord maħtura mill-Istat Daniż kien, fl-istess ħin, uffiċjal għoli ta' dan l-Istat, filwaqt li wieħed mill-erba' membri tal-istess bord tad-diretturi maħtura mill-Istat Svediż kien ukoll, fl-istess ħin, uffiċjal għoli ta' dan l-Istat. Minn naħa, l-uffiċjal Daniż kien serva ta' assistent direttur ġenerali tad-Dipartiment tal-Impriżi, tal-Produttività, tal-Provvista, tal-Enerġija u tal-Baġit tal-Unjoni fi ħdan il-Ministeru Daniż għall-Finanzi. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjal Svediż kien assistent direttur tad-Dipartiment tal-Impriżi Pubbliċi fi ħdan il-Ministeru Svediż għall-Intrapriża u għall-Innovazzjoni.
- 58 Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ uffiċjali, il-Kummissjoni rrilevat li huma ma kinux esprimew opinjoni partikolari dwar iż-żieda fil-kapital (paragrafu 77 tad-deċiżjoni kkontestata), li huma ma kinux irċevew istruzzjonijiet partikolari mingħand l-Istat Daniż u dak Svediż f'dan ir-rigward (paragrafu 86 tad-deċiżjoni kkontestata), li huma kienu preżunti li jaġixxu b'mod indipendenti u li ma kinux f'pożizzjoni li jimponu r-rieda tagħhom, sa fejn huma la kellhom id-dritt ta' vot speċjali u lanqas dritt tal-veto (paragrafu 80 tad-deċiżjoni kkontesta).
- 59 Issa, dawn il-kunsiderazzjonijiet biss ma jistgħux ineħħu kull rilevanza, fl-evalwazzjoni tal-imputabbiltà lill-Istat Daniż u Svediż taż-żieda fil-kapital, tal-preżenza ta' uffiċjali fi ħdan il-bord tad-diretturi ta' PostNord, peress li l-prova tal-imputabbiltà ta' miżura meħuda minn impriża pubblika lill-Istat li jikkontrollaha ma teħtieġx il-prova li, abbażi ta' istruzzjoni preċiża, l-awtoritajiet pubbliċi ħeġġew b'mod konkret lil din l-impriża tiegħu l-miżura inkwistjoni (ara l-punt 46 iktar 'il fuq).
- 60 F'dan ir-rigward, il-ħatra, fi ħdan il-bord tad-diretturi ta' PostNord, ta' membri li jokkupaw fl-istess ħin pożizzjonijiet amministrattivi għolja fi ħdan ministeri tal-gvern fid-Danimarka u fl-Isvezja, f'oqsma ta' attività li għandhom rabta diretta mal-impriżi pubbliċi, fosthom PostNord, tippermetti li jitqies li dawn l-uffiċjali kienu jgawdu l-fiduċja ta' dawn l-Istati, u li għalhekk huma seta' jkollhom kuntatti informali ma' uffiċjali tal-ministeri li jaqgħu taħthom u li, b'hekk, iwasslu l-influwenza tal-imsemmija Stati fil-proċess deċiżjonali fi ħdan PostNord.
- 61 Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fil-paragrafu 77 tad-deċiżjoni kkontestata, enfasizzat li “[kien] probabbli ħafna li d-Danimarka u l-Isvezja kienu jafu biż-żieda prevista fil-kapital (b'mod partikolari għaliex żewġ membri tal-bord tad-diretturi [kienu] wkoll uffiċjali tad-Danimarka u tal-Isvezja rispettivament)”. Bl-istess mod, ir-Renju tad-Danimarka, waqt is-seduta,

essenzjalment spjega li kien speċifikament ħatar uffiċjal fi ħdan il-bord tad-diretturi ta' PostNord sabiex jinforma lill-Ministeru għall-Finanzi u lill-Ministeru għat-Trasport bid-diskussjonijiet, fi ħdan dan il-korp, dwar is-servizz postali universali fil-kuntest tar-ristrutturazzjoni ta' Post Danmark.

- 62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-indizji ta' natura organika miġjuba mir-rikorrenti jfittxu li jstabilixxu li, fil-mument taż-żieda fil-kapital, PostNord kienet tgawdi minn marġni ta' indipendenza limitata fir-rigward tal-Istat Daniż u dak Svediż, peress li l-bord tad-diretturi tagħha kien kompost minn tmien membri minn ħdax li l-ħatra tagħhom kienet taqa' taħt ministri ta' dawn l-Istati, li tnejn minnhom kienu wkoll uffiċjali għolja (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13, EU:T:2015:435, punti 61 sa 63).
- 63 Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-konstatazzjoni, magħmula fil-paragrafu 21 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-laqqgħat tal-bord tad-diretturi ta' PostNord għandhom isiru fil-preżenza ta' mill-inqas membru wieħed maħtur mill-Istat Daniż u membru maħtur mill-Istat Svediż.
- 64 Dan ifisser li l-elementi organiċi kellhom jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni u setgħu jikkostitwixxu indizju mhux negliġibbli tal-imputabbiltà taż-żieda fil-kapital lill-Istat Daniż u dak Svediż.
- 65 Issa, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, fil-paragrafi 79 u 80, sempliċement qieset, essenzjalment, li r-rabtiet organiċi bejn PostNord u l-Istat Daniż u dak Svediż ma kinux suffiċjenti sabiex jimputaw iż-żieda fil-kapital lil dawn l-Istati, dan mingħajr ma tat piż partikolari lil dawn l-elementi fid-dawl tal-indizji l-oħra ta' imputabbiltà eżaminati.
- 66 It-tieni, il-Qorti Ġeneral ma tistax taqbel mal-Kummissjoni meta hija ssejjes l-argument tagħha fuq il-fatt li PostNord hija miżmuma minn żewġ Stati Membri u li ebda wieħed minnhom ma seta', waħdu, jaħtar il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' din il-kumpannija li hija neċessarja għall-approvazzjoni taż-żieda fil-kapital.
- 67 Fil-fatt, mill-ftehim bejn l-azzjonisti ta' PostNord, li l-Kummissjoni rreferiet għalih fil-paragrafu 95 tad-deċiżjoni kkontestata u li hija għalhekk kellha għad-dispożizzjoni tagħha matul il-proċedura amministrattiva, jirriżulta li l-Istat Daniż u dak Svediż għandhom jikkoperaw mill-qrib meta jintervjenu fl-amministrazzjoni ta' PostNord. Minn naħa, skont il-punt 3.1.1 ta' dan id-dokument, l-Istat Daniż u dak Svediż intrabtu li jaġixxu *bona fide* fir-rigward ta' xulxin kif ukoll fir-rigward ta' PostNord. Min-naħa l-oħra, skont il-punt 3.11 tal-istess dokument, fil-każ ta' waqfien fit-teħid ta' deċiżjoni li taqa' taħt il-bord tad-diretturi minħabba nuqqas ta' ftehim, l-Istat Daniż u dak Svediż għandhom kull wieħed jaħtu uffiċjal superjuri inkarigat sabiex isolvi l-intopp.
- 68 Fi kwalunkwe każ, ma jistax jiġi aċċettat li l-Kummissjoni tista', fl-istadju tal-proċedura ta' eżami preliminari, teskludi l-imputabbiltà ta' miżura meħuda minn impriża kkontrollata minn żewġ Stati billi sempliċement tikkonstata li ebda wieħed minn dawn iż-żewġ Stati ma għandu l-maġġoranza sempliċi ta' drittijiet ta' vot fil-bord tad-diretturi, mingħajr ma teżamina iktar din il-kwistjoni. Li kellu jiġi aċċettat tali argument, ikun ifisser li diversi Stati Membri jitħallew jiltaqgħu, b'mod ugwali, f'istituzzjonijiet multinazzjonali fdati bid-distribuzzjoni tal-għajjnuna, sabiex jevitaw ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

- 69 It-tielet, il-fatt, enfasizzat mir-Renju tad-Danimarka, li l-Istat Daniż u dak Svediż ma għandhomx is-setgħa li jaħtru l-membri tal-bord eżekuttiv ta' PostNord, jew ta' PostNord Group, ma huwiex rilevanti, sa fejn, f'dan il-każ, iż-żieda fil-kapital kellha tiġi approvata minn korp ieħor, jiġifieri l-bord tad-diretturi ta' PostNord, li l-maġġoranza tal-membri tiegħu kienu maħtura minn dawn l-Istati.
- 70 Mill-premess jirriżulta li l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tar-rabtiet organiċi eżistenti bejn, minn naħa, l-Istat Daniż u dak Svediż u, min-naħa l-oħra, PostNord, turi n-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-eżami tagħha tal-imputabbiltà lil dawn l-Istati taż-żieda fil-kapital u tikkostitwixxi għalhekk indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji.
- 71 Madankollu, peress li r-rabtiet organiċi bejn impriża pubblika u l-Istat li jikkontrollaha ma jistgħux, bħala prinċipju, ikunu biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura meħuda minn din l-impriża (ara l-punt 52 iktar 'il fuq), għandu jiġi eżaminat ukoll jekk elementi oħra li l-Kummissjoni seta' jkollha għad-dispożizzjoni tagħha jistgħux jikkostitwixxu indizji tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji.
- Fuq l-indizji l-oħra dwar in-natura improbabbli tal-assenza ta' involviment tal-Istat Daniż u dak Svediż fiż-żieda fil-kapital*
- *Fuq l-eżistenza ta' djalogu bejn il-membri tal-bord tad-diretturi ta' PostNord u l-Istat Daniż u dak Svediż*
- 72 Ir-rikorrenti jsejso l-argument tagħhom fuq ir-rapport annwali 2017, li kien isemmi “djalogu mal-proprjetarji dwar il-finanzjament”.
- 73 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li dan ir-riferiment waħdu la jippermetti li jiġi preżunt li l-Istat Daniż u dak Svediż indirizzaw, flimkien mal-korpi ta' tmexxija ta' PostNord, l-aspetti finanzjarji kollha u lanqas, kemm-il darba jitqies li dan huwa l-każ, li dawn l-aspetti jinkludu neċessarjament kull tranżazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni favur is-sussidjarji tal-grupp PostNord, u għalhekk iż-żieda fil-kapital.
- 74 Barra minn hekk, kif jenfasizzaw ir-Renju tad-Danimarka, kif ukoll PostNord Group u PostNord Logistics, minn qari sħiħ tas-sentenza li minnha nstiltet is-silta riprodotta fil-punt 72 iktar 'il fuq wieħed jista' jifhem li l-kelma “finanzjament” użata fiha ma tirreferix għall-aspetti finanzjarji kollha tal-kumpanniji tal-grupp PostNord, iżda għal operazzjoni partikolari, jiġifieri “r-ristrutturazzjoni tal-attività fid-Danimarka”.
- 75 Għalkemm ir-Renju tad-Danimarka, u wkoll PostNord Group u PostNord Logistics, jammettu li l-Istat Daniż u dak Svediż kienu involuti f'din ir-ristrutturazzjoni, dawn l-intervenjenti jsostnu li l-imsemmija ristrutturazzjoni kienet tikkonċerna biss il-bidla fil-mudell fi ħdan Post Danmark, deċiża fl-2017, u ffinanzjata fl-2018, u għalhekk ma kellha ebda rabta maż-żieda fil-kapital, għall-benefiċċju ta' PostNord Logistics.
- 76 Ir-rikorrenti jkkontestaw dan l-argument u jsostnu li l-kunċett ta' “attività fid-Danimarka” jirreferi wkoll għas-sitwazzjoni ta' PostNord Logistics. Insostenn tal-affermazzjoni tagħhom, huma jippreżentaw dokument intitolat “Rapport ta' analiżi għan-negozjati postali tal-2020”,

imħejji mill-kumpanija McKinsey & Company (iktar 'il quddiem ir-“Rapport ta’ analiżi ta’ McKinsey”), li l-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tiegħu minħabba li l-produzzjoni tiegħu hija waħda tardiva.

- 77 Ir-Rapport ta’ analiżi ta’ McKinsey ma ġiex ippreżentat mir-rikorrenti bħala anness mar-rikors, iżda biss bħala anness, minn naħa, mal-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota ta’ intervent tar-Renju tad-Danimarka u, min-naħa l-oħra, mal-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota ta’ intervent ta’ PostNord Group u PostNord Logistics.
- 78 F’dan ir-rigward, l-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li l-provi għandhom jiġu prodotti jew proposti fil-kuntest tal-ewwel skambju ta’ noti. Madankollu, il-prova kuntrarja u l-elaborazzjoni tal-provi prodotti wara li tiġi prodotta prova kuntrarja mill-kontroparti ma jaqgħux taħt ir-regola ta’ dekadenza prevista mill-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta’ Mejju 2021, ITD u Danske Fragtmænd vs Il-Kummissjoni, T-561/18, EU:T:2021:240, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 79 F’dan il-każ, kif ġie kkonstatat fil-punt 76 iktar 'il fuq, ir-Rapport ta’ analiżi ta’ McKinsey ġie prodott sabiex jirribatti l-argument tar-Renju tad-Danimarka, kif ukoll ta’ PostNord Group u PostNord Logistics, li d-djalogu bejn il-proprjetarji ta’ PostNord u l-bord tad-diretturi ta’ din tal-aħħar kien jikkonċerna esklużivament ir-ristrutturazzjoni ta’ Post Danmark.
- 80 Għalhekk, ir-rapport ta’ analiżi ta’ McKinsey huwa ammissibbli.
- 81 Issa, minn dan ir-rapport, kif ukoll mill-kjarifiki mogħtija minn PostNord Group u PostNord Logistics b’risposta għal miżura ta’ organizzazzjoni tal-proċedura, jirriżulta li PostNord hija, mil-lat operattiv, strutturata f’unitajiet ġeografiki, jiġifieri, b’mod partikolari, PostNord Denmark fid-Danimarka, PostNord Sweden fl-Isvezja, PostNord Finland fil-Finlandja u PostNord Norway fin-Norveġja. Minn dan jirriżulta wkoll li l-unità ġeografika PostNord Denmark tinkludi fiha kemm lil Post Danmark, kif ukoll lil PostNord Logistics, li hija, din tal-aħħar, kumpanija rregolata mid-dritt Daniż attiva fid-Danimarka (ara l-punt 4 iktar 'il fuq), u li l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (UKE) ta’ PostNord Logistics jirrapporta lill-operational manager tal-imsemmija unità ġeografika, li, barra minn hekk, huwa l-UKE ta’ Post Danmark.
- 82 Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li l-eżistenza ta’ djalogu bejn PostNord u l-Istat Daniż u dak Svediż dwar ir-ristrutturazzjoni tal-“attività fid-Danimarka” setgħet tirrigwarda mhux biss l-attivitàjiet ta’ Post Danmark, iżda wkoll dawk ta’ PostNord Logistics.
- 83 Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li mir-rapport annwali 2017 jirriżulta li hija PostNord Denmark, unità ġeografika li tinkludi kemm lil Post Danmark, kif ukoll lil PostNord Logistics (ara l-punt 81 iktar 'il fuq), li hija s-suġġett ta’ “ristrutturazzjoni f’impriża ta’ komunikazzjoni u ta’ loġistika li tagħmel profitt [...] permezz tal-implimentazzjoni ta’ mudell ta’ produzzjoni ġdid”, li jindika għalhekk li PostNord Logistics setgħet tkun affettwata mill-imsemmija ristrutturazzjoni.
- 84 Issa, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma eżaminatx jekk dan id-djalogu dwar ir-ristrutturazzjoni tal-attività ta’ PostNord fid-Danimarka kienx seħħ, minkejja li dan l-element kien ingiebb minn ITD fl-ilment tagħha bħala indizju tar-rwol ta’ superviżjoni u ta’ kontroll eżerċitat mill-Istat Daniż u dak Svediż fuq iż-żieda fil-kapital, approvata minn PostNord.

85 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, mill-Kummissjoni, tar-rabtiet bejn PostNord Logistics u r-ristrutturazzjoni tal-attività ta' PostNord fid-Danimarka turi n-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-eżami tagħha tal-imputabbiltà, lil dawn l-Istati, taż-żieda fil-kapital, u tikkostitwixxi għalhekk indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji.

– *Fuq in-natura tal-attivitajiet ta' PostNord*

86 Ir-rikorrenti jsostnu li l-attivitajiet ta' PostNord huma marbuta mas-servizz postali universali fid-Danimarka u fl-Isvezja, liema fatt jissuġġerixxi rabta bejn il-miżuri meħuda minn din il-kumpannija u l-Istat Daniż u dak Svediż.

87 F'dan ir-rigward, in-natura tal-attivitajiet ta' impriża pubblika li tipprovdi għajnuna tikkostitwixxi indizju rilevanti sabiex tiġi evalwata l-imputabbiltà ta' din l-għajnuna lill-Istat (ara l-punt 48 iktar 'il fuq). B'mod iktar partikolari, il-fatt li tali impriża tfittex li tilħaq għanijiet ta' interess ġenerali diġà tqies mill-qorti tal-Unjoni bħala indizju ta' imputabbiltà, lill-Istat li jikkontrollaha, tal-miżuri li hija tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2013, Nitrogénművelés Vegyipari vs Il-Kummissjoni, T-387/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:98, punt 63, u tat-12 ta' Marzu 2020, Elche Club de Fútbol vs Il-Kummissjoni, T-901/16, EU:T:2020:97, punti 58 u 59), u wkoll l-eżerċizzju, minn impriża pubblika, ta' aktivitajiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' dan l-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, T-507/12, mhux ippubblikata, EU:T:2016:35, punt 92).

88 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni, fil-paragrafu 90 tad-deċiżjoni kkontestata, qieset li n-natura tal-attivitajiet ta' PostNord ma kinitx tikkostitwixxi indizju ta' imputabbiltà, sa fejn tali aktivitajiet kienu purament kummerċjali, bl-eċċezzjoni tas-servizz postali universali fid-Danimarka, li għalih Post Danmark kienet tirċievi kumpens pubbliku.

89 Issa, mill-Artikolu 3 tal-istatuti ta' PostNord jirriżulta li l-għan ta' din il-kumpannija huwa, prinċipalment, li tipprovdi, direttament jew permezz ta' sussidjarji, servizzi postali fil-livell nazzjonali fid-Danimarka u fl-Isvezja u li teżerċita aktivitajiet kompatibbli ma' dawn is-servizzi. Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-uniċi operatori fdati bis-servizz postali universali fit-territorji tad-Danimarka u tal-Isvezja huma Post Danmark u Posten, rispettivament, sussidjarji ta' PostNord, li huma wkoll l-operatori storiċi ta' dawn l-Istati.

90 F'dan ir-rigward, is-servizz postali universali jikkostitwixxi servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li l-Istati Membri għandhom l-obbligu jipprovdu, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997, dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71).

91 Dan ifisser li PostNord, kumpannija li l-bord tad-diretturi tagħha kellu japprova ż-żieda fil-kapital, tfittex li tilħaq għanijiet ta' interess ġenerali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istat Daniż u dak Svediż. Għalhekk, kif isostnu essenzjalment ir-rikorrenti, dan il-fatt jissuġġerixxi li dawn l-Istati jagħtu, bħala prinċipju, attenzjoni partikolari għad-deċiżjonijiet meħuda minn din il-kumpannija.

92 F'dan ir-rigward, il-fatti, enfasizzati mill-Kummissjoni u kif ukoll minn PostNord Group u PostNord Logistics, li, minn naħa, PostNord teżerċita l-attivitajiet tagħha fi swieq kompetittivi u, min-naħa l-oħra, iż-żieda fil-kapital tikkostitwixxi operazzjoni ekonomikament razzjonali, anki jekk jitqiesu stabbiliti, ma humiex deċiżivi sabiex jitqies li din il-miżura ma kinitx tinteressa lill-Istati azzjonisti ta' dik il-kumpannija. Fil-fatt, xejn ma jżomm lill-awtoritajiet pubbliċi milli

jinvolvu rwieħhom f'operazzjoni ta' natura intraprendenti ta' impriża pubblika li, għalkemm tista', jekk jagħti l-każ, tkun konformi mal-kriterju tal-investitur privat, tkun, fi kwalunkwe każ, imputabbli lill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ġunju 2015, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13, EU:T:2015:435, punt 49 u tat-28 ta' Jannar 2016, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, T-507/12, mhux ippubblikata, EU:T:2016:35, punt 92).

- 93 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni, fil-paragrafu 91 tad-deċiżjoni kkontestata, rrilevat li ma kienx hemm rabta bejn l-attivitajiet ta' PostNord Logistics u l-attivitajiet ta' Post Danmark li jaqgħu taħt is-servizz postali universali.
- 94 F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-kontenut tal-miżura inkwistjoni jista' jikkostitwixxi indizju rilevanti sabiex tiġi evalwata l-imputabbiltà ta' din l-għajnuna lill-Istat (ara l-punt 47 iktar 'il fuq) u li, f'dan il-każ, il-benefiċjarja taż-żieda kienet PostNord Logistics, sussidjarja ta' PostNord Group li ma kinitx obligata tipprovdi servizz universali.
- 95 Madankollu, peress li ż-żieda fil-kapital kellha tiġi approvata mill-bord tad-diretturi ta' PostNord, kumpannija li l-għan prinċipali tagħha huwa l-provvista ta' servizzi postali fid-Danimarka u fl-Isvezja, kif ukoll ta' attivitajiet kompatibbli ma' dawn is-servizzi, id-deċiżjonijiet meħuda mill-bord tad-diretturi tagħha tqiesu li jaqblu ma' tali għan. B'hekk, il-Kummissjoni, fl-istadju tal-proċedura ta' eżami preliminari, ma setgħetx sempliċement tikkonstata li l-benefiċjarju ta' din il-miżura ma kienx fdat bis-servizz postali universali. Il-Kummissjoni kellha tkun f'pożizzjoni li teskludi, b'mod suffiċjement konkret, li ż-żieda fil-kapital tħalli xi impatt, pożittiv jew negattiv, fuq it-twertiq ta' dan is-servizz.
- 96 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-għan ta' PostNord, li kienet obligata tapprova ż-żieda fil-kapital, hija ta' natura li turi n-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-evalwazzjoni tagħha tal-imputabbiltà lill-Istat Daniż u dak Svediż ta' din il-miżura, u tikkostitwixxi għalhekk indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji.

– *Fuq il-portata taż-żieda fil-kapital*

- 97 Fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota ta' intervent tar-Renju tal-Isvezja u dwar dik ta' PostNord Group u PostNord Logistics, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-ammont taż-żieda fil-kapital huwa sinjifikattiv. B'risposta għal domanda li għamlet il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni, essenzjalment, ikkontestat l-ammissibbiltà ta' dan l-argument, sa fejn dan huwa argument ġdid ippreżentat għall-ewwel darba fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota ta' intervent tar-Renju tal-Isvezja u dwar dik ta' PostNord Group u PostNord Logistics.
- 98 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul l-istanza, sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura. Madankollu, motiv li jikkostitwixxi l-estensjoni ta' motiv invokat preċedentement, b'mod espliċitu jew impliċitu, fir-rikors u li għandu rabta mill-qrib ma' dan tal-aħħar, għandu jiġi ddikjarat ammissibbli. Sabiex jista' jitqies bħala estensjoni ta' motiv jew ta' lment invokat preċedentement, argument ġdid għandu jkollu, mal-motivi jew l-ilmenti inizjalment spjegati fir-rikors, rabta mill-qrib biżżejjed sabiex jista' jitqies li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża (ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 2021, ITD u Danske Fragtmænd vs Il-Kummissjoni, T-561/18, EU:T:2021:240, punt 183 u l-ġurisprudenza ċċitata).



- 99 F'dan il-każ, huwa minnu li, fir-rikors, ir-rikorrenti ma ppreżentawx l-ammont taż-żieda fil-kapital bħala indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji li ltaqgħet magħhom il-Kummissjoni fl-eżami tal-imputabbiltà ta' din il-miżura.
- 100 Madankollu, fir-rikors, ir-rikorrenti, sabiex juru l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li ltaqgħet magħhom il-Kummissjoni, sostnew li ż-żieda fil-kapital kienet imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż, billi enfasizzaw li din il-miżura kienet taqa' taħt il-kompetenza tal-bord tad-diretturi ta' PostNord, peress li din kienet deċiżjoni finanzjarja "sinjifikattiva".
- 101 B'hekk, ir-rikors kien diġà fih indikazzjoni li, għar-rikorrenti, l-ammont taż-żieda fil-kapital kellu jitqies bħala wieħed sinjifikattiv, għall-kuntrarju ta' dak li indikat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, sa fejn għandu rabta mill-qrib ma' lment invokat, tal-inqas b'mod impliċitu, fir-rikors, l-argument tar-rikorrenti msejjes fuq l-ammont taż-żieda fil-kapital għandu jitqies li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi ħdan il-proċedura ġudizzjarja u, għalhekk, bħala l-estensjoni ta' dan l-ilment. Tali argument għandu għalhekk jiġi ddikjarat ammissibbli.
- 102 Fir-rigward tal-fondatezza ta' dan l-argument, għandu jitfakkar li l-portata ta' miżura tista' tikkostitwixxi element rilevanti fl-evalwazzjoni tal-imputabbiltà ta' din il-miżura lill-Istat (ara l-punt 47 iktar 'il fuq).
- 103 F'dan il-każ, il-Kummissjoni, fil-paragrafu 98 tad-deċiżjoni kkontestata, qieset li l-ammont taż-żieda fil-kapital ma kienx ta' natura li jqajjem suspetti dwar l-involviment tal-Istat Daniż u dak Svediż, sa fejn dan l-ammont kien jirrappreżenta 0.3 % tad-dħul mill-bejgħ ta' PostNord Group.
- 104 Madankollu, minn naħa, mid-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-ammont taż-żieda fil-kapital f'termini assoluti, li, oġġla minn EUR 15 miljun, ma jistax jitqies bħala negliġibbli. F'dan ir-rigward, il-qorti tal-Unjoni diġà ħadet inkunsiderazzjoni l-portata ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni ta' EUR 10 miljun, meħuda minn impriża pubblika, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-imputabbiltà tagħha lill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, *Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni*, T-507/12, mhux ippubblikata, EU:T:2016:35, punt 186). Din is-somma tidher iktar u iktar sinjifikattiva għall-benefiċjarju taż-żieda tal-kapital, PostNord Logistics, li l-vijabbiltà ekonomika tagħha kienet tiddependi minnha.
- 105 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni, fl-istadju tal-eżami tal-ammont taż-żieda fil-kapital, lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li tali ammont kien jaqbeż il-limitu li kemm-il darba jinqabeż il-kontribuzzjonijiet interni ta' kapital fil-grupp kellhom jiksbu l-approvazzjoni ta' PostNord, kumpannija omm tal-imsemmi grupp, li l-bord tad-diretturi tagħha kellu rabtiet mill-qrib mal-Istat Daniż u dak Svediż (ara l-punt 62 iktar 'il fuq).
- 106 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li l-ammont taż-żieda fil-kapital ma kienx ta' natura li jqajjem suspetti dwar l-involviment tal-Istat Daniż u dak Svediż fit-teħid ta' din il-miżura, turi n-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-eżami tagħha tal-imputabbiltà, lil dawn l-Istati, tal-imsemmija miżura, u għalhekk tikkostitwixxi indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji.
- 107 Fid-dawl tal-premess, ir-rikorrenti rnexxielhom jistabilixxu li l-eżami, mill-Kummissjoni, tan-natura ta' għajjnuna taż-żieda fil-kapital kien inkomplet u insuffiċjenti. B'hekk, ir-rikorrenti pproduċew il-prova tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tegħleb fir-rigward tal-evalwazzjoni taż-żieda fil-kapital. Dan ir-rikors għandu għalhekk jintlaqa' sa fejn huwa indirizzat kontra dik il-parti tad-deċiżjoni kkontestata li fiha l-Kummissjoni, mingħajr ma

fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, ikkonkludiet li ż-żieda fil-kapital ma kinitx imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż u, għalhekk, ma kinitx tikkostitwixxi għajna mill-Istat.

[omissis]

### Fuq l-ispejjeż

- 132 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitolfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li kull parti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha jew taqşam l-ispejjeż. Madankollu, jekk dan jidher iġġustifikat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li, minbarra l-ispejjeż tagħha, parti għandha tbat parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.
- 133 Peress li r-rikors ġie parzjalment milqugħ, tkun saret evalwazzjoni xierqa taċ-ċirkustanzi tal-kawża jekk jiġi deċiż li r-rikorrenti għandhom ibatu nofs l-ispejjeż tagħhom, filwaqt li l-Kummissjoni tbat l-kumplament tal-ispejjeż tar-rikorrenti kif ukoll l-ispejjeż tagħha.
- 134 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tiegħu. Skont l-Artikolu 138(3) tal-istess regoli, Jørgen Jensen Distribution, SLD, PostNord Group u PostNord Logistics għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 3006 final tat-12 ta' Mejju 2020 dwar għajna mill-Istat SA.52489 (2018/FC) – Id-Danimarka u SA.52658 – L-Isvezja – Allegata għajna mill-Istat favur PostNord Logistics hija annullata sa fejn ġie kkonstatat, fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari, li ż-żieda fil-kapital favur PostNord Logistics A/S, approvata minn PostNord AB fil-11 ta' Diċembru 2018, ma tikkostitwixxix għajna mill-Istat.**
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**
- 3) ITD, Brancheorganisation for den danske vejgodstransport A/S u Danske Fragtmænd A/S għandhom ibatu nofs l-ispejjeż rispettivi tagħhom, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjeż tagħhom għandha tbatihom il-Kummissjoni Ewropea.**
- 4) Il-Kummissjoni, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Renju tal-Isvezja, Jørgen Jensen Distribution A/S, Specialforeningen for Logistik og Distribution (SLD), PostNord Group AB u PostNord Logistics għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

da Silva Passos

Gervasoni

Póltorak

Reine

Pynnä

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Settembru 2023.

Firem